RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 18**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija iltaqa` nhar**
**l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Chairperson |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A17**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgħa A17 jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Paul Galea. Il-minuti ġew approvati. — Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A17

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A17**

2.01 Dwar minuta 5.11, is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea tablet li tiġi ememdata hekk kif ġej: — Korrezzjonijiet tal-Minuti A17

Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea pproponiet li qabel nitolbu lill-awtoritajiet ikkonċernati sabiex titwessa t-triq, għandhom isiru s-sinjali tat-traffiku sabiex ma jipparkjawx karozzi fi Triq Raddet ir-Roti u fi Triq l-Iskola man-naħa tad-djar waqt il-ħin tad-dħul u l-ħruġ mill-iskola. Il-Kumitat approva.

KUNSILL LOKALI RABAT

8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

## 3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A17

3.01 5.03 Is-Sur Paul Grech informa li *patching* fit-triq tas-Sirena, fin-niżla tal-Madonna inbeda illum. — *Patching* f'Tas-Sirena

3.02 5.07 Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea talbet li tintbaghat ittra ufficjali lil pulizija. Il-Kumitat qabel. — Irħam f'Bieb ir-Ruwa

3.03 6.01 Il-Kumitat approva l-*Management Accounts għas-sena 2011.* — *Management Accounts* għas-sena 2011

## 4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

4.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 5.00 Komunikazzjoni mill-membri

5.01 *Ic-Chairperson* is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-Kunsill kien ghaddej b'tahdiet mar-residenti ta' Triq il-Mantell, Triq il-Gojjin, Triq ir-Rummien u parti minn Triq in-Namura sabiex igib l-permess tas-sidien biex dawn it-toroq jigu asfaltati. Hu kompla billi qal li l-Kunsill ser jikteb lil Transport Malta sabiex jintervjenu halli jintlahaq ftehim biex dawn it-toroq jigu asfaltati. — Bzonn ta' asfalt go Triq il-Mantell, Triq il-Gojjin, Triq ir-Rummien u parti minn Triq in-Namura

Is-Sur Paul Galea ipprezenta lis-Segretarju Ezekuttiv ittra minghand residenta li toqghod Triq il-Gojjn, fejn permezz ta' din l-ittra kienet qed taghti permess lil Kunsill biex ikun jista jasfalta l-imsemmija triq.

Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea staqsiet jekk il-Kunsill flimkien mal-Kumitat Amministrattiv jistax jesegwixxi xogholijiet ta' rikostruzzjoni fl-imsemmija toroq, peress li dawn it-toroq ghadhom qatt ma saru min Transport Malta.

Is-Segretarju Ezekuttiv ipproponiet li ghandna nistennew x'ser tkun it-

twegiba ta' Transport Malta.

5.02 Is-Sur Paul Grech ippropona li titranġa Triq il-Palazz. Huwa saħaq li sebgha jardi konkos għandhom ikunu biżżejjed biex tissewwa din it-triq. Issekonda din i-proposta is-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel. Tranġar ta' Triq il-Palazz

5.03 Is-Sur Paul Galea ġibed l-attenzjoni li l-fossa reget qeghda tfur. Il-Fossa

Is-Sna Joanna Galea qalet li l-kuntrattur l-gdid qed jigi anqas drabi ibghatal il-fossa.

*Ic-Chairperson* is-Sur Paul Grech qal li ghada ser jghaddi l-ilment lil Inginier tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

5.03 Is-Sur Paul Galea talab li jsir *patching* Wied Rini, peress li t-triq tinsab kollha hofor. Il-Kumitat qabel. Patching Wied Rini

5.04 Is-Sur George Attard ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Lewz kantuniera ma' Triq l-Knisja l-Qadima hemm *wire* tad-dawl imdendel. *Wire* tad-dawl imdendel

## 6.00 Aġġornament

6.01 L-aġenda ġiet eżawrita u l-laqgħa ntemmet fit-7.30 p.m. Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 5 ta' Gunju 2012 fis-6.00 p.m. Aġġornament

**Paul Grech**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**